Il-Kummissjoni Ewropea



It-tweġiba tal-Kummissjoni għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

# NIPPREŻERVAW IL-KOŻMETIĊI LI MA JINVOLVUX KRUDELTÀ – NIMPENJAW RUĦNA GĦAL EWROPA MINGĦAJR L-ITTESTJAR FUQ L-ANNIMALI

Lulju 2023
#EUTakeTheInitiative

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

L-għadd ta' inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li rnexxielhom jilħqu l-għadd meħtieġ ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ biex il-Kummissjoni tipprovdi tweġiba jkompli jikber. Din hija d-disa' inizjattiva taċ-ċittadini li rnexxiet. Xi wħud irriżultaw f'leġiżlazzjoni ġdida, filwaqt li oħrajn kellhom riżultati sinifikattivi oħra, pereżempju, tnediet valutazzjoni tal-impatt jew ġie żgurat li l-proposti leġiżlattivi li diġà jilħqu l-objettivi tal-inizjattiva jiġu adottati u implimentati malajr madwar l-UE. Kollha kemm huma bnew networks li jikkonċernaw kwistjonijiet u żiedu l-għarfien kemm fost iċ-ċittadini kif ukoll fost dawk li jfasslu l-politika.

## GĦANIJIET TAL-ORGANIZZATURI

Isaħħu l-projbizzjoni fuq l-ittestjar fuq l-annimali għall-kożmetiċi, jibdlu r-regolamenti dwar is-sustanzi kimiċi u jimmodernizzaw ix-xjenza permezz ta' bidliet leġiżlattivi li:

- jiżguraw li l-ingredjenti kożmetiċi kollha ma jiġux ittestjati fuq l-annimali għal kwalunkwe skop fi kwalunkwe ħin
- jiżguraw il-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi mingħajr iż-żieda ta' rekwiżiti ġodda ta' ttestjar fuq l-annimali
- jimpenjaw ruħhom lejn pjan direzzjonali biex jiġi eliminat gradwalment l-ittestjar kollu fuq l-annimali fl-UE qabel tmiem il-leġiżlatura attwali



## INVOLVIMENT

**1 217 916** firmatarju minn 27 Stat Membru tal-UE.

## IT-TWEĠIBA TAL-KUMMISSJONI GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

**Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi l-azzjonijiet li ġejjin bi tweġiba għall-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini:**

- tkompli **tapplika u ssaħħaħ il-projbizzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali** fil-qafas tar-Regolament tal-UE dwar il-Kożmetiċi;
- tqis il-ħtieġa ta' bidliet leġiżlattivi biex tkompli **tiċċara l-interfaċċa bejn ir-Regolament tal-UE dwar il-Kożmetiċi u r-Regolament REACH** abbażi tal-eżitu ta' rimedju ġudizzjarju li għadu għaddej;
- tibda taħdem fuq pjan direzzjonali **sabiex l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit b'valutazzjonijiet dwar is-sigurtà kimika**, b'bosta azzjonijiet u b'perkors pass pass lejn is-sostituzzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali, li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
- tibda serje ta' azzjonijiet biex jiġi aċċellerat it-tnaqqis tal-**ittestjar fuq l-annimali fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ**, inklużi workshops ta' esplorazzjoni, u s-sostenn ta' inizjattivi ta' taħriġ ġodda għal xjenzjati li jinsabu fil-bidu tal-karriera tagħhom;
- tkompli tappoġġa r-riċerka dwar alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali b'**finanzjament tal-UE.**

## SKEDA TA' ŻMIEN

| Ġunju 2021 | Awwissu 2021 | Jannar 2023 | Marzu 2023 | Mejju 2023 | Lulju 2023 | Lulju 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tiġi rreġistrata l-inizjattiva | L-inizjattiva tibda tiġbor l-appoġġ | L-inizjattiva tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni | L-organizzaturi tal-inizjattiva jiltaqgħu mal-Viċi President Věra Jourová u l-Kummissarju għas-Suq Intern Thierry Breton | Issir seduta pubblika fil-Parlament Ewropew | Isir dibattitu plenarju fil-Parlament Ewropew | Il-Kummissjoni tipprovdi tweġiba uffiċjali |

## ITTESTJAR FUQ L-ANNIMALI FL-EWROPA

**L-ittestjar fuq l-annimali kellu rwol importanti għall-valutazzjonijiet tar-riskji minn sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent kif ukoll għall-valutazzjoni ta' mediċini jew riċerka u edukazzjoni.**

L-ittestjar fuq l-annimali naqas madwar l-UE minn **8,8 miljun** annimal fl-2018, għal **8,5 miljun** fl-2019 u **7,9 miljun** annimal fl-2020.

**72 %** tat-testijiet kollha fuq l-annimali jintużaw għal finijiet ta' riċerka.

**17 %** tat-testijiet fuq l-annimali jsiru għal finijiet regolatorji, li minnhom**75 %** jintużaw għall-approvazzjoni ta' mediċini tal-bniedem u veterinarji.





# L-IMPENN TAL-UE GĦAS-SOSTITUZZJONI, GĦAT-TNAQQIS JEW GĦAR-RAFFINAR TAL-ITTESTJAR FUQ L-ANNIMALI

**Il-Kummissjoni qiegħda taħdem biex tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni fi ttestjar mhux fuq l-annimali u biex tippromwovi approċċi alternattivi tal-ittestjar.**

- Il-Kummissjoni investiet **EUR 1 biljun** f'aktar minn 300 proġett ta' riċerka relatati ma' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali matul l-aħħar 20 sena.
- Il-**Laboratorju ta' Referenza tal-UE** (EURL ECVAM) ġie stabbilit bħala parti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni biex jaħdem, jippromwovi u jiffaċilita alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali fir-riċerka tal-UE.

## LEĠIŻLAZZJONI ATTWALI

**L-UE diġà tiżgura protezzjoni b'saħħitha tat-trattament xieraq tal-annimali fil-politiki kollha tagħha. Din tipprojbixxi wkoll b'mod espliċitu l-użu tal-ittestjar fuq l-annimali fil-qafas tar-Regolament tal-UE dwar il-Kożmetiċi u tintroduċi dispożizzjonijiet għas-sostituzzjoni, għat-tnaqqis u għar-raffinar tal-ittestjar fuq l-annimali għal finijiet regolatorji kull fejn ikun possibbli.**

**L-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:** bħala esseri sensibbli, għandha tingħata attenzjoni sħiħa lir-rekwiżiti dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

**Ir-Regolament tal-UE dwar il-Kożmetiċi:** fis-seħħ mill-2013, dan jipprovdi l-aktar protezzjoni avvanzata kontra l-ittestjar fuq l-annimali billi jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kożmetiċi li ġew ittestjati fuq l-annimali.

**Ir-Regolament tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi (REACH):** jistipula li l-ittestjar fuq l-annimali għandu jintuża bħala l-aħħar rimedju meta jiġu rreġistrati sustanzi kimiċi speċifiċi; jirrikjedi li testijiet fuq annimali vertebrati jiġu sostitwiti bl-użu ta' metodi alternattivi kull fejn ikun possibbli.

**Id-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għal finijiet xjentifiċi:** tistabbilixxi regoli u kundizzjonijiet stretti dwar kif jista' jsir l-ittestjar fuq l-annimali meta jkun għadu meħtieġ, bil-għan li jiġi eliminat gradwalment u kompletament l-użu kollu tal-annimali fir-riċerka u għal finijiet regolatorji fl-UE.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

**Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**

- l-għodda tiegħek għat-tiswir tal-politika Ewropea

#EUTakeTheInitiative

https://europa.eu/citizens-initiative/_mt

**Segwi aġġornamenti mill-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hawn:**

https://europa.eu/citizens-initiative/news_mt

**Ara Stejjer ta' Suċċess dettaljati fil-Forum tal-IĊE hawn:**

https://europa.eu/citizens-initiative-forum/success-stories_mt

© L-Unjoni Ewropea, 2023 | il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Sakemm ma jiġix innotat b'mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat taħt liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li huwa permess l-użu mill-ġdid dment li jingħata kreditu xieraq u tiġi indikata kwalunkwe bidla. IMMAĠNIJIET: ADOBE STOCK, ICONS FLATICON

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-68-05168-9 | doi:10.2792/014034 | KA-04-23-680-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-05212-9 | doi:10.2792/16353 | KA-04-23-680-MT-N |